Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum 22 t'Ottubru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marshal Mallia)**

**Versus**

**Mario Mifsud**
**(558361M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Mario Mifsud**, detentur tal-karta tal-identita' numru 558361M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Dicembru 2021 u fil-jiem ta' qabel din id-data,

1. Biegh, ittrasferixxa jew ikkunsinja xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju ghal dik l-arma regolari jew munizzjon skont dak l-Att Art. 5(1) Kap. 480.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 5(1)u 51(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**